

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > Belgium

Spejjeż

Il-kontenut ipprovdut minn
Belġju

Belġju



Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż legali fil-Belġju.

[Studju tal-Każ 1 - Il-liġi tal-familja - Id-divorzju - Il-Belġju](#)

[Studju tal-Każ 2 - Illiġi tal-familja - Il-kustodja tattfal - Il-Belġju](#)

[Studju tal-każ 3 - Il-liġi tal-familja - pensjoni tal-manteniment - il-Belġju](#)

[Studju tal-Każ 4 - Il-liġi kummerċjali - Il-kuntratti - Il-Belġju](#)

[Studju tal-Każ 5 - Illiġi kummerċjali - Irresponsabbiltà - Il-Belġju](#)

Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet tal-professjonijiet legali

Il-marixxalli (huissiers de justice)

Fil-qasam ċivili

Id-drittijiet tal-*huissiers de justice* fil-proċeduri ċivili u kummerċjali huma rregolati minn Digriet Irjali tat-30 ta' Novembru 1976. It-tariffi għall-2009 ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Belġju tal-31 ta' Diċembru 2008.

Id-dokumenti u t-tariffi jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit tal-[Kamra Nazzjonali tal-Marixxalli tal-Ġustizzja tal-Belġju](#) (sezzjoni "Tariffi u rati ta' interess" imbagħad "Il-Każijiet kollha") jew fuq is-sit tal-[Portal tal-Ġudikatura tal-Belġju](#) (sezzjoni "Leġiżlazzjoni").

Fil-qasam kriminali

Id-drittijiet tal-marixxalli tal-ġustizzja fil-proċedimenti kriminali huma rregolati minn Digriet Irjali tat-28 ta' Diċembru 1950 u minn ċirkolari ministerjali tat-22 ta' Jannar 2009. It-tariffi għall-2009 ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Belġju tat-12 ta' Jannar 2009.

Id-dokumenti u t-tariffi jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit tal-[Kamra Nazzjonali tal-Marixxalli tal-Ġustizzja tal-Belġju](#) (sezzjoni "Tariffi u rati ta' interessi" imbagħad "Il-Kawżi kriminali") jew fuq is-sit tal-[Portal tal-Ġudikatura tal-Belġju](#) (sezzjoni "Leġiżlazzjoni").

Avukati

Id-drittijiet tal-avukati m'humiex irregolati. L-avukat jistabbilixxi d-drittijiet b'mod liberu u jistgħu jiġu nnegożjati bejn il-klijent u l-avukat, iżda xorta waħda għandu jistabbilixxihom f'limiti moderati. L-Organizzazzjoni tal-avukati tista' tikkontrolla li l-avukat ma jaqbiżx dawn il-limiti.

Hemm diversi modi kif dawn jiġu kkalkulati: ħlas bis-siegħa, ħlas skont il-prestazzjoni, ħlas skont il-valur tal-kawża (persentaġġ tal-valur tal-kawża)... Ftehim fuq id-drittijiet marbut esklussivament mar-riżultat tal-kawża mhumiex permess mill-Artikolu 446b tal-Kodiċi legali tal-Belġju. L-avukat għandu jinforma lill-klijent minn qabel dwar il-metodu ta' kalkolu tad-drittijiet tiegħu. Id-drittijiet tal-avukati m'humiex soġġetti għall-VAT fil-Belġju.

L-ispejjeż legali fissi

L-ispejjeż fissi fil-proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għal-litiganti fil-proċedimenti ċivili

L-ispejjeż tat-tribunali fil-Belġju huma fissi. L-ammonti jvarjaw skont il-qorti li quddiemha jitressaq il-proċediment u skont il-fażi tal-proċediment (prim'istanza jew appell).

L-ispejjeż ta' proċedimenti ġudizzjarji jissejju "spejjeż legali", u huma soġġetti għall-Artikolu 1017 *et sequitur* tal-Kodiċi Ġudizzjarju. L-Artikolu 1018 jagħti dettalji dwar l-ispejjeż li jagħmlu parti mill-ispejjeż legali. L-ispejjeż legali jinkludu:

- diversi spejjeż, tar-reġistru u tar-reġistrazzjoni. L-ispejjeż tar-reġistru jinkludu spejjeż tal-istruttura, kitba u spedizzjoni, u d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Kodiċi tad-drittijiet ta' reġistrazzjoni, tal-ipoteka u tar-reġistru, fl-Artikoli 268 *et sequitur*;
- l-ispiża u l-ħlasijiet u s-salarji tad-dokumenti ġudizzjarji;
- l-ispiża biex tintbagħat sentenza;
- l-ispejjeż ta' kull miżura istruttoria, l-aktar it-taxxa fuq ix-xhieda u l-esperti. Fil-każ tax-xhieda, digriet irjali tas-27 ta' Lulju 1972 jiddetermina l-ammonti tat-taxxa u tal-ħlasijiet
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-imħallfin, tal-iskrivani u tal-partijiet, meta l-ispostament tagħhom ikun ġie ordnat mill-imħallef, u l-ispejjeż tad-dokumenti, meta dawn ikunu saru biss għall-proċedimenti;
- il-kumpens għad-danni tal-proċedura previst fl-Artikolu 1022;
- id-drittijiet, l-onorarji u l-ispejjeż tal-medjatur magħżul skont l-Artikolu 1734.

L-Artikolu 1019 jispeċifika li l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni kklassifikati bħala spejjeż legali jinkludu:

- l-ispiża fissa ġenerali,
- l-ispejjeż fissi speċifiċi, u
- l-ispejjeż dovuti fuq is-sentenzi ta' kundanna, likwidazzjoni jew kollokazzjoni ta' somom jew titoli.

F'ċerti każijiet, meta r-rikorrent jew l-intervenjenti fil-proċedura ma jkunx Belġjan u l-konvenut ikun Belġjan, dan tal-aħħar jista' jitlob, ħlief jekk teżisti konvenzjoni internazzjonali li tippredvi eżenzjoni u ħlief f'każijiet partikolari, li l-applikant jew l-intervenjenti jipprovdi garanzija sabiex jiggarrantixxi l-ħlas tad-danni u l-interessi li jirriżultaw mill-proċess. Dan huwa previst fl-Artikolu 851 tal-*Code judiciaire* (Kodiċi ġudizzjarju).

Wieħed għandu jikkunsidra wkoll l-ispejjeż tal-marixxall, tal-avukati (ara hawn fuq), tat-tradutturi u tal-interpreti (ara hawn taħt), jekk ikunu meħtieġa.

Il-mument fi proċedimenti ċivili fejn parti għandha tħallas spejjeż fissi

Ċerti spejjeż ikollhom jitħallsu qabel ma tibda l-azzjoni. Dan huwa l-każ tal-ħlas tar-reġistru li għandu jsir mal-iskedar.

L-ispejjeż li jinqalgħu matul il-proċedimenti ġeneralment jinġabru waqt il-proċedimenti.

Fil-każ ta' ċerti spejjeż, ikun meħtieġ li jingħata depożitu. Għaldaqstant, l-esperti jitħallsu permezz ta' depożitu stabbilit mill-parti li tkun talbet il-miżura istruttoria. Bl-istess mod, l-Artikolu 953 jipprevedi li l-parti li titlob is-smiġħ ta' xhud għandha tħalli depożitu mal-iskrivani, qabel dan is-smiġħ, li jirrappreżenta l-ammont tat-taxxa u r-rimborż tal-ispejjeż (vjaġġar,...).

Jista' jiġi li l-ħlasijiet tal-qorti jitħallsu mill-avukat, u li dawn imbagħad jiġu inklużi mat-tariffi u d-drittijiet tiegħu.

Il-ħlasijiet fissi fil-proċedimenti kriminali

ħlasijiet fissi dovuti mill-partijiet kollha fi proċedimenti kriminali

Il-kwistjoni tal-ħlasijiet fissi fil-proċedimenti kriminali hija rregolata fl-Artikoli 91 *et sequitur* tad-Digriet Irjali tat-28 ta' Diċembru 1950.

Il-mument fi proċedimenti kriminali fejn parti għandha tħallas spejjeż fissi

Il-kwistjoni tal-ħlasijiet fissi fil-proċedimenti kriminali hija rregolata fl-Artikoli 91 *et sequitur* tad-Digriet Irjali tat-28 ta' Diċembru 1950.

L-ispejjeż legali tal-proċedimenti ta' natura kostituzzjonali

ħlasijiet fissi għall-individwi fi proċedimenti kostituzzjonali

L-uniċi ħlasijiet li għandhom isiru mill-partijiet fi proċediment kostituzzjonali huma l-ispejjeż tal-posta rreġistrata.

Liema informazzjoni minn qabel wieħed għandu jistenna mingħand ir-rappreżentant legali tiegħu (l-avukat)?

Informazzjoni rigward id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet

Ir-regoli tal-etika jimponu fuq l-avukati d-dmir ta' informazzjoni u parir fir-rigward tal-klijenti tagħhom. Dan jimplika li l-avukat għandu jagħti lill-klijent tiegħu tagħrif rigward id-drittijiet u l-obbligi tiegħu.

L-avukat għandu, *inter alia*, jinforma lill-klijenti tiegħu rigward il-metodu ta' kalkolu tad-drittijiet tiegħu.

Sorsi ta' informazzjoni rigward l-ispejjeż tal-proċedimenti legali

Fejn nista' nsib tagħrif dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti legali fil-Belġju?

Wieħed jista' jsib informazzjoni rigward dan is-suġġett fuq is-sit ta' [SPF Justice](#), fuq is-sit tal-[Commission de Modernisation de l'Ordre Judiciaire \(Kummissjoni għall-Immodernizzar tas-Sistema Ġudizzjarja\)](#) (sezzjoni "Info juridique") jew fuq is-siti elettroniċi tad-diversi professjonijiet legali.

Informazzjoni simili tista' tinstab ukoll fid-dokumenti regolatorji, jew billi ssaqsi f'uffiċċju jew lil xi avukat.

F'liema lingwi nista' nsib tagħrif dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti legali fil-Belġju?

Din l-informazzjoni hija disponibbli bil-Olandiż u bil-Franċiż.

Fejn nista' nsib tagħrif dwar il-medjazzjoni?

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fuq is-sit tal-[SPF Justice](#) (sezzjoni pubblikazzjonijiet) kif ukoll fuq is-sit tal-[Kummissjoni Federali għall-Meditazzjoni](#).

Fejn insib tagħrif ieħor dwar l-ispejjeż?

Sit elettroniku li jitratta l-ispejjeż tal-proċedimenti legali

Ara hawn fuq.

Fejn insib tagħrif dwar it-tul medju ta' proċediment?

Avukat jista' jagħtik xi tagħrif rigward stima tat-tul tal-proċedimenti tiegħek. Dan ikun ivarja skont it-tip ta' proċedimenti li tixtieq tibda u skont it-Tribunal li tixtieq tidher quddiemu.

Fejn nista' nsib tagħrif dwar l-ispiża totali medja ta' proċediment partikolari?

Avukat jista' jagħtik xi tagħrif rigward stima tal-ispiża tal-proċedimenti tiegħek. Din tkun tvarja skont it-tip ta' proċedimenti li tixtieq tibda u skont it-Tribunal li tixtieq tidher quddiemu.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)

Fejn nista' nsib tagħrif dwar dan is-suġġett? X'inhuma r-rati applikabbli?

Fejn it-tagħrif dwar l-ispejjeż huwa ppubblikat, l-ispejjeż imsemmija ma jinkludux il-VAT. Ir-rata tal-VAT applikabbli titla' għal 21%.

Għajjnuna legali

X'inhuma l-limiti ta' dħul biex wieħed ikun jista' jiksibha, fi kwistjonijiet ċivili?

Dan huwa suġġett irregolat mill-Artikoli 508/1 *et sequitur* tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan.

L-għajjnuna legali inizjali hija bla ħlas għal kulħadd. Dan huwa parir legali inizjali, u b'mod aktar speċifiku:

- tagħrif Prattiku,
- tagħrif legali,
- parir inizjali jew riferiment għal organizzazzjoni speċjalizzata.

Dan l-ewwel parir jingħata minn professjonisti tal-liġi u huwa kompletament bla ħlas, hu x'inhum d-dħul tiegħek.

L-għajjnuna legali sekondarja tippermetti lil dawk li minħabba li jkollhom dħul baxx ma jkunux jistgħu jħallsu għas-servizz ta' avukat biex jiksibu s-servizz ta' avukat jew parti minnu bla ħlas. Avukat jgħinek billi jagħtik parir u jiddefendik. Digriet Irjali tat-18 ta' Diċembru 2003 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-servizz bla ħlas kollu jew parzjali ta' għajjnuna legali sekondarja u tal-għajjnuna legali.

Il-benefiċjarji tal-għajjnuna legali kompletament bla ħlas minħabba s-sitwazzjoni soċjali tagħhom:

- kull persuna waħedha li d-dħul nett ta' kull xahar tagħha ma jaqbiżx it-944 Euro;
- kull persuna ma' dipendenti li d-dħul nett ta' kull xahar tagħha ma jaqbiżx l-1.213 Euro (+ 163,47 Euro għal kull persuna dipendenti);
- kull persuna li tiffirma familja (miżżewġa jew li tgħix ma' xi ħadd ieħor) u li d-dħul nett ta' kull xahar tagħha ma jaqbiżx l-1.213 Euro (+ 163,47 Euro għal kull persuna dipendenti);
- kull persuna li tibbenefika minn dħul tal-integrazzjoni soċjali jew tal-għajjnuna soċjali;
- kull persuna li tibbenefika mid-dħul garantit għall-anzjani (GRAPA);
- kull persuna li tibbenefika minn allowances ta' sostituzzjoni ta' dħul lil persuni b'diżabilità li ma jingħatawx allowance ta' integrazzjoni;
- kull persuna li għandha tfal dipendenti li tirċievi benefiċċji tal-familja;
- kull kerrej soċjali li, fir-Reġjuni Fjamming u ta' Bruxelles-Capitale, iħallas kera ugwali għal nofs il-kera bażi jew li, fir-Reġjun tal-Vallonja, iħallas kera minima;
- kull minorenni;
- kull barrani, għall-introduzzjoni ta' talba ta' permess ta' residenza jew ta' appell amministrattiv jew legali kontra deċiżjoni meħuda fl-applikazzjoni tal-liġijiet dwar l-aċċess għat-territorju, ir-residenza, l-istabbiliment u t-tkeċċija tal-barranin;
- kull min jitlob ažił, kull persuna li tindirizza dikjarazzjoni jew titlob li tiġi rikonoxxuta bħala refuġjat jew li tressaq talba ta' status ta' persuna spostata;
- persuna involuta fi proċedimenti ta' ftehim kollettiv ta' djun jew li tixtieq tressaq talba għal ftehim kollettiv ta' djun.

Dawk li jibbenefikaw minn għajjnuna legali bla ħlas minħabba preżunzjoni ta' nuqqas ta' dħul (il-preżunzjoni tista' tiġi ribattuta) :

- kull detenut jew kull konvenut imsejjaħ mil-liġi sabiex jidher immedjatament quddiem il-qorti li huwa preżunt, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, li huwa persuna li m'għandhiex riżorsi biżżejjed;
- kull persuna marida mentalment soġġetta għal miżura prevista mill-Att tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni ta' persuni morda mentalment li hija preżunta, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, li hija persuna li m'għandhiex riżorsi biżżejjed;
- id-difensur imsejjaħ mil-liġi sabiex jidher immedjatament.

L-intervent ikun parzjalment bla ħlas (l-avukat jista' f'dan il-każ jitlob intervent moderat sabiex ikopri s-servizzi tiegħu) għal:

- kull persuna waħedha li d-dħul nett ta' kull xahar tagħha huwa bejn 944 Euro u 1.213 Euro
- kull persuna waħedha ma' dipendenti li d-dħul nett ta' kull xahar tagħha huwa bejn 1213 Euro u 1.480 Euro (+ 163,47 Euro għal kull persuna dipendenti)
- kull persuna li tgħix mas-sieħeb/sieħba tagħha fiż-żwieġ jew ma' persuna oħra li magħha tiffirma familja u li d-dħul nett ta' kull xahar tagħha huwa bejn 1.213 Euro u 1.480Euro (+ 163,47 EUR għal kull persuna dipendenti)

L-ammonti ppreżentati hawn fuq jiġu adattati kull sena skont kif jinbidel l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsum.

L-għajjnuna legali tirrigwarda l-ispejjeż tal-proċedimenti legali. Jekk il-klijent ma jkollux biżżejjed mezzi sabiex ikopri l-ispejjeż tal-qorti, jista' jressaq talba, huwa stess jew permezz tal-avukat tiegħu, fl-uffiċċju tal-għajjnuna legali. Huwa jista', skont il-grad ta' falliment tiegħu, ikun eżentat, b'mod sħiħ jew parzjalment, milli jħallas l-ispejjeż tal-marixxall, tal-esperti, eċċ. Dan il-qasam huwa rregolat mill-Artikoli 664 *et sequitur* tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

X'inhuma l-kondizzjonijiet sabiex wieħed jiksibha, meta dan ikun akkużat fi proċess kriminali jew inkella jkun vittma ta' reat jew ikun akkużat?

Il-kundizzjonijiet biex wieħed jikseb l-għajjnuna legali bħala akkużat fi proċess kriminali, jew inkella bħala vittma jew bħala akkużat huma l-istess bħal dawk imsemmija hawn fuq.

Hemm proċedimenti mingħajr spejjeż?

Iva, pereżempju l-proċedimenti sabiex tikseb ftehim kollettiv ta' djun jew sabiex tikseb il-possibbiltà li tidħol il-qorti mingħajr spejjeż.

L-ispejjeż legali meta għandhom jitħallsu minn min ikun tilef il-kawża lil min ikun rebaħha?

Fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali

Skont l-Artikoli 1017 *et sequitur*, l-ispejjeż li jiffurmaw l-ispejjeż legali (spejjeż tal-marixxall, tal-esperti, tat-tribunali,...) fil-prinċipju, jitħallsu mill-parti telliefa ladarba tingħata s-sentenza.

Kontribut ta' darba għall-ispejjeż u d-drittijiet tal-avukat mill-parti li tkun rebħet il-kawża jagħmel parti mill-ispejjeż legali li għandhom jitħallsu mill-parti telliefa. Dan il-kontribut jissejjaħ "ħlas għall-preparazzjoni tal-kawża" u jikkonsisti f'kontribuzzjoni ta' darba kkalkulat skont skeda stabbilita skont l-ammonti involuti fil-każ. Din ma tkoprix neċessarjament l-ispejjeż tad-drittijiet kollha. Digriet Irjali tas-26 ta' Ottubru 2007 jiddetermina l-ammonti ta' dan il-"ħlas għall-preparazzjoni tal-kawża". Dawn l-ammonti jikkonsistu f'ammonti minimi u massimi, u huwa l-imħallef li jevalwa l-ammont tal-ħlas għad-danni f'din il-medda.

F'ċerti każi, huwa possibbli li t-Tribunal ma jikkundannax lill-parti telliefa li tħallas iżda jirregola l-kwistjoni mod ieħor (qsim tal-ispejjeż,...).

Fi kwistjonijiet kriminali

Meta l-akkużat u l-persuni ċivilment responsabbli jiġu kkundannati, l-ispejjeż tal-proċedimenti, normalment, jiġu mħallsa minnhom, flimkien ma' ħlas għall-preparazzjoni tal-kawża (kontribut ta' darba għall-ispejjeż u d-drittijiet tal-avukat tal-parti li tkun rebħet il-kawża - ara hawn fuq fil-kwistjonijiet ċivili u kummerċjali). Għall-kuntrarju, jekk l-akkużat u l-persuni ċivilment responsabbli ma jiġux ikkundannati u l-parti ċivili tilef, din tal-aħħar tista' jew għandha tkun ikkundannata li tħallas l-ispejjeż kollha tal-proċediment jew parti minnhom lill-Istat u lill-akkużat, kif ukoll ħlas għall-preparazzjoni tal-kawża. F'ċerti każi l-ispejjeż tal-proċediment jitħallsu mill-Istat. Dawn ir-regoli jinstabu fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

Drittijiet tal-esperti

Fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali

L-ispejjeż tal-esperti m'humix irregolati u dawn jiffissaw b'mod liberu l-ammont tal-ispejjeż tagħhom. L-imħallef jikkontrolla dawn id-drittijiet b'mod marġinali (jista' jintervjeni f'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet u l-espert) iżda m'hemmx dokument legali li jiffissa l-ammonti li magħhom għandhom jaqblu d-drittijiet tal-esperti. Dan il-qasam huwa rregolat mill-Artikoli 987 *et sequitur* tal-Kodiċi Ġudizzjarju kif ukoll minn Digriet Irjali tal-24 ta' Mejju 1933.

Digriet Irjali tal-14 ta' Novembru 2003 jistabbilixxi madankollu t-tariffi tad-drittijiet u l-ispejjeż dovuti lill-esperti maħtura mill-qrati tax-xogħol għal rapporti mediċi li jirrigwardaw:

- tilwim dwar benefiċċji għal persuni b'diżabilità,
- benefiċċji tal-familja għall-ħaddiema b'salarju u l-ħaddiema indipendenti,
- l-assigurazzjoni tal-qgħad, u
- l-iskema ta' assicurazzjoni obligatorja għall-kura tas-saħħa u benefiċċji.

Fi kwistjonijiet kriminali

Id-drittijiet tal-esperti fil-proċedimenti kriminali huma rregolati minn Digriet Irjali tat-28 ta' Diċembru 1950 u permezz ta' ċirkolari ministerjali tat-22 ta' Jannar 2009. It-tariffi għall-2009 ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Belġju tat-12 ta' Jannar 2009.

Dokumenti disponibbli għall-konsultazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-[Commission de Modernisation de l'Ordre Judiciaire](#) (sezzjoni "infos juridique" (informazzjoni legali) - "professionnels" (professionisti) - "tarifs" (tariffi) - "frais de justice" (spejjeż tal-proċedimenti legali)) jew fuq is-sit tal-[Portal tal-Awtorità Ġudizzjarja tal-Belġju](#) (sezzjoni "Législation" (Leġislazzjoni)).

Drittijiet tat-tradutturi u l-interpreti

Jista' jkun il-każ li ikun jeħtieġ l-użu ta' traduttur jew ta' interpretu waqt kawża. Dan ikun il-każ meta jiġu ppreżentati dokumenti f'lingwa differenti minn dik użata għall-kawża jew meta xhud jittellem b'lingwa oħra. Huwa wkoll il-każ meta parti tkun titkellem lingwa differenti minn dik użata waqt il-proċedura u ma tkunx tifhem il-lingwa tal-proċedura jew meta l-imħallef ma jifhem il-lingwa użata minn din il-parti. Ir-regoli applikabbli jinsabu fl-Att tal-15 ta' Ġunju 1935 rigward l-użu tal-lingwi fi kwistjonijiet ġudizzjarji.

Fi kwistjonijiet kriminali

Id-drittijiet tat-tradutturi u tal-interpreti fil-proċedimenti kriminali huma rregolati minn Digriet Irjali tat-28 ta' Diċembru 1950 u permezz ta' ċirkolari ministerjali tat-22 ta' Jannar 2009. It-tariffi għall-2009 ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Belġju tat-12 ta' Jannar 2009.

Dokumenti disponibbli għall-konsultazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-[Commission de Modernisation de l'Ordre Judiciaire](#) (sezzjoni "infos juridique" (informazzjoni legali) - "professionnels" (professionisti) - "tarifs" (tariffi) - "frais de justice" (spejjeż tal-proċedimenti legali)) jew fuq is-sit tal-[Portal tal-Awtorità Ġudizzjarja tal-Belġju](#) (sezzjoni "Législation" (Leġislazzjoni)).

Links relatati

[Service Public Fédéral Justice](#) (Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja)

[Commission de Modernisation de l'Ordre Judiciaire](#) (Kummissjoni għall-Immodernizzar tas-Sistema Ġudizzjarja)

Dokumenti relatati

[Rapport tal-Belġju dwar l-Istudju fuq it-trasparenza tal-ispejjeż \(829 Kb\)](#)

■ L-aħħar aġġornament: 16/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.